

**DIRETTIVA DELEGATA TAL-KUMMISSJONI (UE) 2020/362****tas-17 ta' Diċembru 2019****li temenda l-Anness II tad-Direttiva 2000/53/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar vetturi li m'għadhomx jintużaw b'rabta mal-eżenzjoni għall-kromu eżivalenti bħala prodott kontra l-korrużjoni fis-sistema tat-tkessiġ tal-azzar bil-karbonju fi friġġijiet tal-assorbiment f'karavans motorizzati****(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)**

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva 2000/53/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Settembru 2000 dwar vetturi li m'għadhomx jintużaw <sup>(1)</sup>, u b'mod partikulari l-Artikolu 4(2)(b) tagħha,

Billi:

- (1) Skont l-Artikolu 4(2)(a) tad-Direttiva 2000/53/KE, l-Istati Membri jridu jipprojbixxu l-użu taċ-ċomb, tal-merkurju, tal-kadmju u tal-kromu eżivalenti fil-materjali u fil-komponenti tal-vetturi mpoġġija fis-suq wara l-1 ta' Lulju 2003.
- (2) L-Anness II tad-Direttiva 2000/53/KE jelenka l-materjali u l-komponenti tal-vetturi li huma eżentati mill-projbizzjoni stabbilita fl-Artikolu 4(2)(a) ta' dik id-Direttiva. Jeħtieġ li l-eżenzjoni bin-numru 14 dwar l-użu tal-kromu eżivalenti tiġi emendata biex il-kliem tagħha jiġi allinjat ma' dak użat għal eżenzjonijiet simili għall-użu tal-kromu eżivalenti previsti fid-Direttiva 2011/65/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill <sup>(2)</sup> u fir-Regolament (KE) Nru 1907/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill <sup>(3)</sup> għall-finijiet tal-koerenza.
- (3) Mill-valutazzjoni tal-eżenzjoni bin-numru 14 fid-dawl tal-progress tekniku u xjentifiku ħareġ li, għalkemm issa hemm sustanzi alternattivi xierqa għall-kromu eżivalenti disponibbli, dawn għadhom ma jstgħux jintużaw fil-prodotti. Fil-ġejjieni x'aktarx ikun hemm alternattivi xierqa għall-użu tal-kromu eżivalenti disponibbli. Għalhekk huwa xieraq li l-eżenzjoni attwali tinqasam fi tliet subentrati u li tiġi stabbilita data ta' skadenza għal tnejn minn dawk is-subentrati.
- (4) Għalhekk jenħtieġ li d-Direttiva 2000/53/KE tiġi emendata kif xieraq,

ADOTTAT DIN ID-DIRETTIVA:

*Artikolu 1*

L-Anness II tad-Direttiva 2000/53/KE huwa emendat kif stabbilit fl-Anness ta' din id-Direttiva.

*Artikolu 2*

1. L-Istati Membri għandhom jadottaw u jpubblikaw, sa mhux iktar tard mill-5 ta' April 2020, il-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi neċessarji sabiex jikkonformaw ma' din id-Direttiva. Huma għandhom jikkomunikaw minnufih it-test ta' dawk id-dispożizzjonijiet lill-Kummissjoni.

<sup>(1)</sup> ĠU L 269, 21.10.2000, p. 34.

<sup>(2)</sup> Id-Direttiva 2011/65/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-8 ta' Ġunju 2011 dwar ir-restrizzjoni tal-użu ta' ċerti sustanzi perikolużi fit-tagħmir elettriku u elettroniku (ĠU L 174, 1.7.2011, p. 88).

<sup>(3)</sup> Ir-Regolament (KE) Nru 1907/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Diċembru 2006 dwar ir-reġistrazzjoni, il-valutazzjoni, l-awtorizzazzjoni u r-restrizzjoni ta' sustanzi kimiċi (REACH), li jstabbilixxi Aġenzija Ewropea għas-Sustanzi Kimiċi, li jemenda d-Direttiva 1999/45/KE u li jħassar ir-Regolament (KEE) Nru 793/93 tal-Kunsill u r-Regolament (KE) Nru 1488/94 tal-Kummissjoni kif ukoll id-Direttiva 76/769/KEE tal-Kunsill u d-Direttivi 91/155/KEE, 93/67/KEE, 93/105/KEE u 2000/21/KE tal-Kummissjoni (ĠU L 396, 30.12.2006, p. 1).

Meta l-Istati Membri jadottaw dawk id-dispożizzjonijiet, fihom għandu jkun hemm referenza għal din id-Direttiva jew għandhom ikunu akkumpanjati minn dik ir-referenza meta ssir il-pubblikazzjoni uffiċjali tagħhom. Huma l-Istati Membri li għandhom jiddeċiedu kif issir dik ir-referenza.

2. L-Istati Membri għandhom jikkomunikaw lill-Kummissjoni t-test tad-dispożizzjonijiet prinċipali tad-dritt nazzjonali li jadottaw fil-qasam kopert minn din id-Direttiva.

#### *Artikolu 3*

Din id-Direttiva għandha tidħol fis-seħħ l-għada tal-jum tal-pubblikazzjoni tagħha f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

#### *Artikolu 4*

Din id-Direttiva hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmul fi Brussell, is-17 ta' Diċembru 2019.

*Għall-Kummissjoni*

*Il-President*

Ursula VON DER LEYEN

---

## ANNEX

Fl-Anness II tad-Direttiva 2000/53/KE, l-entrata bin-numru 14 hija sostitwita b'dan li ġej:

<p>“14. Il-kromu eżivalenti bħala prodott kontra l-korrużjoni fis-sistema tat-tkessiġ tal-azzar bil-karbonju, sa 0,75 % tal-piż tas-soluzzjoni tat-tkessiġ, fil-friġġijiet tal-assorbiment:</p> <p>(i) maħsubin biex jaħdmu għalkollox jew b'mod parzjali b'ħiter tal-elettriku li juża input medju tal-potenza elettrika ta' inqas minn 75 W f'kundizzjonijiet ta' tħaddim kontinwu;</p> <p>(ii) maħsubin biex jaħdmu għalkollox jew b'mod parzjali b'ħiter tal-elettriku li juża input medju tal-potenza elettrika ta' 75 W jew iktar f'kundizzjonijiet ta' tħaddim kontinwu;</p> <p>(iii) maħsubin biex jaħdmu għalkollox b'ħiter li mhux tal-elettriku.</p>	<p>Vetturi b'approvazzjoni tat-tip maħruġa qabel l-1 ta' Jannar 2020 u l-ispare parts għal dawn il-vetturi</p> <p>Vetturi b'approvazzjoni tat-tip maħruġa qabel l-1 ta' Jannar 2026 u l-ispare parts għal dawn il-vetturi</p>	<p>X”</p>
---	---	-----------